# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Jannar, 2025**

**Numru : 13**

**Rikors Numru 729/2017/1 JZM**

**Christopher Mifsud**

**v.**

**Giana G. Limited (C-30831)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija kawża mressqa mill-attur, bħala kaptan ta' bastiment, kontra l-kumpanija konvenuta bħala sid il-bastiment għall-ħlas ta' pagi, kif ukoll għas-servizzi mogħtija, inkluż xogħlijiet u spejjeż magħmula b'rabta mal-istess bastiment.

**Daħla**

2. L-attur ressaq rikors maħluf fl-10 ta' Awwissu, 2017, li permezz tiegħu fisser kif huwa kien jagħti servizz bħala kaptan, uffiċjal u membru tal-ekwipaġġ fuq il-bastiment MY Giana G., liema servizzi baqa' jagħtihom abbord il-bastiment sakemm huwa ntalab jieqaf jitla' fuq il-bastiment permezz ta' messaġġ (sms).

3. Jingħad mill-attur li l-bastiment, huwa proprjetà tal-kumpanija konvenuta li hija reġistrata f`Malta bl-isem Giana G. Limited, li jġib in-numru uffiċjali 13722 u għandu tunnellaġġ gross ta' 94.09, kif ukoll itajjar il-bandiera Maltija.

4. L-attur isostni li huwa kreditur tal-kumpanija konvenuta peress li għandu jirċievi mingħandha ammonti konsiderevoli f'pagi, *bonuses* u *allowances* dovuti lilu bħala kaptan, uffiċjal u membru tal-ekwipaġġ fuq l-istess bastiment, minbarra kumpens għal xogħlijiet u dmirijiet oħrajn li huwa kien inkarigat li jagħmel abbord l-istess bastiment mis-sidien tagħha.

5. Peress li l-attur sejjaħ lis-sidien tal-bastiment sabiex iħallsuh l-ammonti dovuti lilu, iżda dan kollu kien ta' xejn, huwa talab u kiseb il-ħruġ ta' mandat ta` arrest ta' bċejjeċ tal-baħar bin-numru 1078/2017 fl-ismijiet

"***Christopher Mifsud v. Giana G. Limited***", bil-għan li jassigura li l-imsemmi bastiment jibqa' f'Malta u għalhekk ressaq din il-kawża.

6. L-attur sostna li s-sidien tal-bastiment ma kellhom l-ebda eċċezzjoni valida x'iressqu u għalhekk talab lill-Qorti sabiex:

*«1. Tiddikjara li s-soċjetà intimata hija debitriċi tar-rikorrenti għall-pagi, bonuses u allowances dovuti lilu bħala kaptan, uffiċjal u membru tal-ekwipaġġ fuq l-istess bastiment intimat.*

*2. Tiddikjara li s-soċjetà intimata hija debitriċi tar-rikorrenti għall-kumpens dovut lilu għax-xogħlijiet li huwa għamel fuq ordni tal-istess soċjetà konvenuta lil hinn minn dak rikjest minnu fil-kuntratt ta' impjieg tiegħu.*

*3. Tillikwida l-ammonti dovuti lir-rikorrenti inkluż kull arretrati ta' pagi, bonuses u allowances dovuti lilu bħala kaptan, uffiċjal u membru tal-ekwipaġġ fuq l-istess bastiment, u kif ukoll kull kumpens li huwa dovut lill-esponenti tax-xogħol li huwa tqabbad jagħmel fuq l-istess bastiment, bl-interessi legali mid-data minn meta l-imsemmija pagi, bonuses u allowances u kumpens kienu dovuti sad-data tal-pagament effettiv.*

*4. Tikkundanna lis-soċjetà intimata thallas lir-rikorrenti l-ammonti hekk likwidati fit-talbiet preċedenti.*

*5. Tagħti kull provvediment ieħor opportun skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar numru 1078/2017, kontra s-soċjetà intimata li hija minn issa nġunta in subizzjoni, u bir-riżerva ta' kull azzjoni fil-liġi nkluż dik għal danni, u ammonti oħra dovuti lir-rikorrenti.»*

7. Il-kumpanija konvenuta Giana G. Limited ressqet it-tweġiba maħlufa tagħha fil-15 ta' Settembru, 2017, u qajmet l-eċċezzjonijiet li jmiss:

*«1. Illi l-esponent huwa debitament awtorizzat jagħmel din ir-risposta u jikkonfermaha bil-ġurament għan-nom tal-kumpannija intimata Giana G Limited permezz ta' prokura speċjali mogħtija lilu mill-istess kumpannija ffirmata mid-direttur tagħha David Borg fit-13 ta' Settembru 2017 (kopja hawn annessa u mmarkata "CF 1") u d-dikjarazzjonijiet minnu magħmula*

*u kkonfermati f'din ir-risposta huma bbażati fuq fatti u ċirkostanzi hekk kif dedotti lilu mill-mandanti tiegħu.*

*2. Għal kull buon fini qed jinġieb a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi l-isem korrett tal-kumpannja intimata huwa "Giana G Limited", u mhux "Giana G. Limited" kif indikat fir-rikors ġuramentat.*

*3. Illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

*4. Illi r-relazzjoni tar-rikorrent mal-kumpannija intimata kienet waħda esklussivament ta' impjieg u kienet regolata permezz tal-kuntratt datat 1 ta' Lulju 2014, ippreżentat mar-rikors ġuramentat ("DOK CM1").*

*5. Illi klawżola numru 3.1 tal-kuntratt ta' impjieg imsemmi tiddeskrivi b'mod ċar l-obbligi tal-impjegat, ossia r-rikorrent, li jinkludu, inter alia, li jservi bħala kaptan abbord il-bastiment bl-isem Giana G, li tiegħu l-kumpannija intimata hija s-sid; li jżomm l-istess bastiment "in a constant state of readiness to sail at very short "notice", u li jinforma lis-sid intimata f'każ li jkun hemm bżonn ta' xogħol straordinarju fuq l-istess bastiment.*

*6. Illi l-istess kuntratt jistipula liema huma s-sigħat tax-xogħol tar-rikorrent, b'dan illi huwa espliċitament speċifikat li tali siegħat huma "merely indicative" u li r-rikorrent "must make himself available at all times to meet the company's needs and requirements within statutory limitations".*

*7. Illli inoltre, fi klawżola numru 5.1 il-kuntratt imsemmi jistipula li l-kumpannija kellha tirrimborża lir-rikorrent ta' kwalunkwe spiża li huwa jagħmel fil-qadi ta' dmiru basta tali spiża tkun ġiet awtorizzata mill-kumpannija intimata u li jippreżenta l-irċevuti relattivi. Il-kumpannija intimata m'hijiex konsapevoli ta' spejjeż magħmula, awtorizzati u mhux imħallsa.*

*8. Illi l-paga tar-rikorrent tħallset dejjem in linea ma' dak stipulat mil-kuntratt, u dan kif jirriżulta mir-rendikont ta' pagamenti magħmula minn jew għan-nom tal-kumpannija intimat lir-rikorrenti fil-kont bankarju tiegħu kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*9. Illi mill-bidu tal-impjieg tiegħu mal-kumpanija intimata sakemm inbdiet din il-kawża, ir-rikorrenti qatt ma għamel l-ebda ilment jew protesta, la dwar il-kondizzjonijiet ta' impjieg tiegħu u anqas dwar ħlas.*

*10. Illi inoltre għad hemm diskrepanza fil-flus u nuqqas ta' ġustifikazzjoni ta' ċertu ammont tal-`petty cash` illi r-rikorrent għadu sal-lum ma tax ġustifikazzjoni għalihom.*

*11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jinġiebu skont il-liġi.»*

8. B'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Marzu, 2021, il-kawża ġiet deċiża fis-sens illi, filwaqt li laqgħet l-ewwel talba attriċi f'parti minnha u ċaħdet it-tieni talba tal-attur, illikwidat favur l-attur ħlas totali fl-ammont ta' €2,335.50, inkwantu għal €1,275.94 bħala arretrati ta' paga, u inkwantu għal €1,059.56 bħala rifużjoni ta' ammonti bħala *petty cash*. Barra minn hekk, ikkundannat lill-kumpanija konvenuta sabiex tħallas lill-attur is-somma likwidata bħala dovuta lilu fl-ammont ta' €2,335.50, bl-imgħax legali b'effett mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv. Bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 223(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ordnat li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

9. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti tiddeċiedi hekk kienu dawn:

*«**<u>IV. Konsiderazzjonijiet</u>***

*L-attur qiegħed jirreklama ħlas ta' pendenzi li l-konvenuta għandha miegħu : paga, bonuses u allowances; kif ukoll spejjeż li ħareġ għall-manutenzjoni tad-dgħajsa inkwistjoni. Il-konvenuta impjegat b'kuntratt tax-xogħol lill-attur bħala yacht master għad-dgħajsa Giana G.*

*Meta attur jallega li konvenut huwa debitur tiegħu, u l-konvenut jirrespinġi l-pretensjoni billi jeċċepixxi l-pagament jispetta lill-konvenut li jagħmel il-prova tal-pagament. Fl-istess waqt jibqa' dejjem l-obbligu tal-attur li jagħmel il-prova tan-natura u tal-konsistenza tal-ammont pretiż bħala dovut.*

*......*

*Fil-każ tal-lum l-attur elenka l-ammonti pretiżi minnu fid-dokument a fol 35.*

*Waqt li kien qed isir il-ġbir tal-provi, il-qorti setgħet tikkostata li dwar aspetti mportanti tal-vertenza kien hemm kunflitt ta' provi.*

*.......*

*Inkwadrati l-prinċipji ta' dritt kif riflessi fil-ġurisprudenza, il-qorti sejra tagħmel referenza għall-pern tal-kwistjoni bejn il-partijiet u ċjoè l-kuntratt tax-xogħol tal-1 ta' Lulju 2014.*

*Fis-sentenza mogħtija fil-5 ta' Ottubru 1998 mill-Qorti tal-Appell fil-kawża "**Beacon v. Spiteri Staines**" jingħad illi –*

> *«Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali li trid tiġi osservata - pacta sunt servanda.»*

*Skont **l-Art 993 tal-Kap 16** – Il-kuntratti għandhom jiġu eżegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi." (ara – "**Depares noe v. O'Dea noe**" – Appell - 25 ta' Ġunju 1996).*

*Skont l-**Art 1002 tal-Kap 16,** fejn il-kliem ta' konvenzjoni meħud fis-sens skont l-użu tal-kuntratt huwa ċar, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni ("**Spiteri v. Borg**" – PAQC – 30 ta` Novembru 2000 ; u "**Borg vs Xuereb**" – Appell Ċivili – 30 ta' Marzu 1997).*

*Il-**klawsola 3** tal-kuntratt tgħid :-*

> *«The employee is engaged as Yacht master and to perform such other services, not incompatible with those of a Yacht Master, as may be required by the Company. Specifically, the Master shall be responsible for the following:*
>
> *- The general upkeep of the yacht both externally as well as internally to a very high level of cleanliness as well as its maintenance in constant state of readiness to sail at very short notice;*
>
> *- The safety and well-being of any crew members appointed from time to time, authorised visitors, clients of the company, guests and any paying customers in the event that a commercial charter is undertaken;*
>
> *- The maintenance of a daily on-board log;*
>
> *- The notification in writing to the Employer of any extraordinary maintenance that may be required to vessel or to any on-board systems or equipment in order to ensure that the yacht is maintained at an optimum level of operational capacity and safety.»*

***Fl-istess klawsola 3** ikompli jingħad :-*

> *«The employee is engaged on a 40-hour week basis. The normal working hours are 8.00am to 5.00pm with an hour's lunch break. These hours are merely indicative, and the employee may be requested to perform work at other hours or on a different timetable, even at short notice, and to be on call on such hours as may be indicated by the Company, subject to his rights to the statutory hours of rest.»*

*Is-salarju tal-attur kien ta' €42,000 gross fis-sena.*

*Imbagħad fil-**<u>klawsola 5</u>** tal-kuntratt, kien pattwit illi s-soċjetà konvenuta kellha trodd lill-attur kull spiża li tkun awtorizzata mir-rappreżentanti tagħha wara li jipproduċi riċevuti kif ukoll li l-attur kellu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu biżżejjed petty cash għall-ispejjeż ta' kuljum.*

*Għalkemm l-attur jikkontendi li apparti l-kuntratt tal-1 ta' Lulju 2014 kellu ftehim ieħor mal-konvenuta, ma tressqitx mill-attur prova konklussiva u sodisfaċenti ta' dan l-allegat tieni ftehim. Fl-apprezzament tal-provi, il-qorti sejra toqgħod fuq l-aħjar provi li jkunu oġġettivi u ċerti.*

*L-attur ippreżenta logbook.*

*Jirriżulta li fit-12 ta' Lulju 2016, id-dgħajsa telqet minn Malta fil-11.45 a.m. u waslet Marina di Ragusa fi Sqallija fis-7.00 p.m. Dan huwa l-vjaġġ li li waqt il-ġbir tal-provi issemma bħala l-uniku vjaġġ charter li għamlet id-dgħajsa kemm dam l-attur fl-impjieg tal-konvenuta.*

*Mil-logbook jirriżulta li dan il-vjaġġ dam sat-3 ta' Settembru 2016 meta d-dgħajsa waslet lura Malta fit-3.30pm.*

*Skont il-logbook jirriżulta l-ħin li l-attur dam fin-navigazzjoni; il-ħin ivarja minn tliet kwarti għal seba' sigħat u nofs. Kien hemm żewġ okkażjonijiet fejn il-vjaġġ ħa għaxar (10) jew ħdax (11) -il siegħa.*

*Dan huwa l-uniku vjaġġ li huwa dokumentat fil-logbook.*

*Mir-riżultanzi tal-logbook il-qorti ssib konferma tal-verżjoni tal-konvenuta li d-dgħajsa għamlet dak il-vjaġġ biss fit-tliet snin u xahar kemm dam l-attur impjegat magħha.*

*Kienu preżentati dokumenti tat-taxxa fejn jirrigwarda l-attur i.e. l-FS5s mnejn jidher li t-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-attur kienu tħallsu.*

*Kienu preżentati l-payslips tal-attur.*

*Għalkemm jirriżulta li l-attur tħallas il-paga regolarment, jirriżulta li ma tħallasx il-paga ta' Ġunju, Lulju u Awissu 2017.*

*Tirriżulta l-payslip a fol 242, fejn hemm miktub: 'paid by client directly'. Id-dokument huwa konferma ta' dak li xehed Gregori. Għalhekk il-€5,000 li ħallas lill-attur fit-3 ta' Frar 2017 kienu jkopru l-paga b'differenza favur r-rikorrent ta' €910.57). L-istess fil-payslip a fol 243, fejn Gregori ħallas direttament lill-attur €5,000 oħra fl-14 ta' April 2017, din id-darba d-differenza favur l-attur kienet ta' €1,998.73, billi l-paga kellha tkun ta' €3,001.27. Imbagħad il-paga ta' Mejju 2017 li wkoll tħallset minn Gregori kienet ta' €3,000.*

*Jirriżulta li apparti l-paga l-attur kien tħallas €5,909.30.*

*Il-payslips juru li l-attur ma kienx tħallas il-paga ta' Ġunju 2017 (€3,102.37); ta' Lulju 2017 (€2,957.42); u ta' Awwissu 2017 (€ 3,001.27). Billi l-attur telaq mid-dgħajsa fid-9 ta' Awissu 2017, l-aħħar paga trid titħallas pro rata.*

*Il-konteġġ tal-pagi li ma tħallsux iwassal għal €7,185.24 [€3,102.37 + €2,957.42 + €1,125.48].*

*Ladarba rriżulta li l-attur kellu għandu €5,909.30 li kienu tal-konvenuta, jibqa' bilanc favur tiegħu ta' €1,275.94.*

*Dwar ir-rendikont tal-petty cash, fol. 403 et seq, l-attur stqarr li għad irid jitħallas is-somma ta` €1,214.10.*

*Fir-rendikont tal-petty cash, fol 676 et seq, li ppreżenta David Borg, jirriżulta li l-attur għandu jieħu €1,059.56.*

*Dwar il-petty cash il-qorti tosserva li kien hemm:*

- *pagamenti regolari.*
- *pagamenti regolari għal travelling and accomodation.*
- *Il-parti l-kbira tal-pagamenti saru għal repairs and maintenance tad-dgħajsa.*
- *pagamenti regolari għal water, groceries and sundry expenses.*
- *Fix-xahrejn li dam il-vjaġġ ta' xahrejn madwar Sqallija, jirriżulta l-ħlas ta' spejjeż għal meals and entertainment u telephone costs.*

*Għalkemm ma kienx permess illi l-attur jaħdem ma' ħaddiehor waqt li kien fl-impjieg tal-konvenuta, irriżulta mid-dokument li ppreżenta r-rappreżentant ta` JobsPlus li bejn il-11 ta' April 2011 u l-31 ta' Ottubru 2016 l-attur kien impjegat ukoll bħala crew mas-soċjetà Farrugia Investments Ltd.*

*Jirriżulta ppruvat (ara x-xhieda tar-rappreżentant ta' Cutrico Limited u ta' The Yacht Shop) li l-attur xtara prodotti u servizzi għad-dgħajsa bla ma ħallas għalihom. Fil-fatt għadhom dovuti sal-lum mis-socjetà intimata għaliex l-akkwist sar mill-attur għan-nom tagħha.*

*Jirriżulta ppruvat wkoll dak li xehed Gregori, u ċjoè illi kien għadda lir-rikorrent l-ammont komplessiv ta' €13,000 bħala pagi li tħallsu bil-quddiem.*

*Jirriżulta ppruvat li fl-uniku vjaġġ li għamlet id-dgħajsa u ċjoè dak minn Malta lejn Sqallija u lura ta' bejn Lulju 2016 u Settembru 2016, apparti l-attur, fl-ekwipaġġ kien hemm deckhand u persuna li kienet tieħu ħsieb it-tisjir u t-tindif. Il-kompożizzjoni tal-ekwipaġġ għal dik it-tip ta' dgħajsa kienet skont in-norma kif ikkonferma l-Inġ. Gutteridge.*

*Fl-isfond tar-riżultanzi ppruvati, il-qorti tirreferi għall-pretensjoni ta' ħlasijiet li ressaq l-attur (a fol 35): -*

*1. Spejjeż ta' upkeep tal-bastiment li skont l-attur kien għadda riċevuti dettaljati lil David Borg: €10,000.*
*Ma kinitx preżentata lill-qorti mqar kopja ta' dawn l-allegati riċevuti.*
*Fir-rendikont ta' David Borg, ma jirriżultaw imkien.*

*2. Arretrati ta' paga : €5,500.*
*Abbażi tal-provi, l-attur fadallu jitħallas €1,275.94.*

*3. Leave ta' xahrejn :*
*Mhux ippruvat.*

*4. Paga sad-9 ta' Awwissu 2017 :*
*ara supra.*

*5. Kumpens għal Teak Deck Recaulking stmat minn Daniel Petrila Ltd fl-€24,000:*
*Ebda prova li si trattava ta' manutenzjoni straordinarja.*
*Ebda prova li kienet awtorizzata mill-konvenuta.*

*6. Servizz ta' taxi-driver u użu ta' fuel u karozza :*
*Din hija pretensjoni mhux ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi.*

*7. Użu ta' mobile phone u internet :*
*L-attur tħallas.*

*8. Bonus statutorju :*
*L-attur tħallas.*

*9. L-ispejjeż tal-kawża u l-mandat ta' arrest tad-dgħajsa :*
*Jirriżulta aktar 'il quddiem.*

*10. Telf ta' impjieg mingħajr raġuni :*
*Dik materja tat-Tribunal Industrijali.*

*11. Fire extingusher pipe mil-Lazzaret għall-Engine room:*
*Ebda prova li hemm ammont dovut lill-attur.*

*12. Sanding, painting u tiswijiet: €3,000*
*Ebda prova li hemm ammont dovut lill-attur.*

*13. Sanding, painting u tiswija fuq toqob tas-sadid:*
*Ebda prova li hemm ammont dovut lill-attur.*

*14 Żebgħa tal-bridges tad-dgħajsa: €1,300.*
*Ebda prova li huwa ammont dovut mill-konvenuta.*

*15 Żebgħa mad-dawra tad-dgħajsa: €3,000*
*Ebda prova li huwa ammont dovut mill-konvenuta.*

*16 Service tal-magni u żewġ generators u xogħlijiet fil-pompi tal-ilma: €2,200*
*Ebda prova li huwa ammont dovut mill-konvenuta.*

*17 Xogħol ta' polish: €3,500*
*Ebda prova li huwa ammont dovut mill-konvenuta.*

*18 Tiswija ta' medja: €1,000*
*Ebda prova li huwa ammont dovut mill-konvenuta.*

*19 Kumpens talli kien joħroġlu l-klieb – ma saret l-ebda prova ;*

*20 Tiswijiet fil-passarella teak u xogħol ta' twaħħil - € 500 – mhux ippruvata.*

*21 Xogħlijiet fl-għamara inkluż verniċ - € 6,000 – mhux ippruvata.*

*22 Kumpens għal xogħol żejjed waqt il-vjaġġ.*
*Ma jirriżultax.*

*Il-qorti tosserva li l-provi dokumentarji li jikkostitwixxu l-aħjar prova għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi jwarrbu għalkollox il-biċċa l-kbira tal-pretensjonijiet tal-attur.*

*Minn eżami akkurat tal-logbook li prinċipalment jirreferi għall-vjaġġ ta' Sqallija l-qorti nnotat is-sigħat li ħadem ir-rikorrent matul il-vjaġġ. Għalkemm kien hemm drabi fejn ħadem għal aktar minn tmien sigħat, kien hemm aktar okkażjonijiet fejn ħadem ħafna inqas minn tmien sigħat. Ing Kurt Gutteridge xehed illi huwa naturali għal kaptan li meta d-dgħajsa tkun fil-port u ma tkunx qed tintuża jagħmel xoghol ta' manutenzjoni ordinarja. Dak huwa parti mix-xogħol ta' kaptan. Inoltre huwa wkoll parti mix-xogħol ta' kaptan li jinforma lis-sid meta jkun hemm bżonn ta' xogħlijiet straordinarji xi jsiru.*

*Il-qorti tkompli tosserva li kontra għal dak li sostna l-attur li d-dgħajsa ntużat bħala pleasure boat għal numru ta' drabi mis-sid u li kien iwassal lis-sid minn port għal ieħor, jirriżulta li effettivament dan ġara għal vjaġġ wieħed biss. Minbarra dan huwa proprju xogħol il-kaptan li jwassal d-dgħajsa minn port għal ieħor.»*

10. L-attur Christopher Mifsud, permezz tar-rikors li sar fis-7 ta' April, 2021, ressaq appell minn dik is-sentenza fejn talab riforma tas-sentenza u ressaq erba' aggravji.

11. Il-kumpanija konvenuta appellata wieġbet għall-appell tal-attur appellant u tat ir-raġunijiet tagħha għala l-appell kellu jiġi miċħud.

12. Inżamm smigħ fis-17 ta' Ottubru, 2024, fejn filwaqt li d-difensur tal-appellat ippreżenta nota b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta' Marzu, 2023, id-difensur tal-appellant iddikjarat li l-Qorti għandha toqgħod fuq l-atti tal-kawża u minn hemm l-appell baqa' għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**

13. Permezz tal-**<u>ewwel aggravju</u>**, l-attur jgħid li jħossu aggravat bil-konteġġi li għamlet l-Ewwel Qorti fejn laqgħet l-ewwel talba tiegħu biss f'parti minnha u wara laqgħet it-tielet talba tiegħu billi likwidat favurih l-ammont ta' €2,335.50, li huma maqsuma f'€1,275.94 bħala arretrati ta' paga u €1,059.56, bħala rifużjoni ta' flus bħala *petty cash;*

14. Għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx mal-attur appellant sa fejn huwa jsostni li huwa għandu jibqa' jitħallas il-paga għal dak iż-żmien li huwa baqa' jidher bħala impjegat kif irriżulta mix-xhieda tar-rappreżentant ta' JobsPlus. Kif sewwa ngħad mill-Ewwel Qorti, l-attur telaq minn fuq il-jott tal-kumpanija konvenuta fid-9 ta' Awwissu, 2017. Dan jirriżulta mix-xhieda tal-istess attur appellant meta testwalment qal li: *«Fil-*

*fatt l-aħħar ġurnata li jiena qdejt id-dmirijiet tiegħi kienet fid-9 ta' Awwissu.»* Għalhekk il-pretensjoni tal-attur li jibqa' jitħallas sal-aħħar tas-sena 2017 hija barra minn lokha.

15. Fir-rigward tal-komputazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti, parti mill-ilment tal-attur appellant huwa msejjes fuq dokument (*excel sheet)* li hemm esibit fl-atti[1]. Għalkemm l-attur appellant jisħaq li dan id-dokument kien esibit minn Martina Farrugia[2], din l-*excel sheet* tirriżulta mehmuża ma' korrispondenza li għaddiet bejn l-attur u Martina Felice (u David Borg, direttur tal-kumpanija konvenuta, bit-titlu "Giana G – Le spese di Barca – 2016 -2017").

16. Minn eżami ta' dan id-dokument jirriżulta li l-ispejjeż li kien jagħmel l-attur għall-bastiment Giana G, il-flus li għaddielu l-benefiċċjarju Gregori u t-tnaqqis għal uħud mill-pagi huma kollha mniżżla f'daqqa. Madankollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan id-dokument ma jagħtix stampa ċara tal-affarijiet, peress li jitfa' f'keffa waħda, il-paga tal-kaptan għal xi xhur u l-ispejjeż magħmula mill-kaptan, meta mill-istess appell tal-attur jirriżulta li dawn huma żewġ pretensjonijiet separati. Fil-fehma ta' din il-Qorti, għamlet sew l-Ewwel Qorti li qasmet iż-żewġ kwistjonijiet u għalhekk

[1] Ara paġni 252 sa 255 tal-proċess.

[2] Jirriżulta li Martina Farruugia kienet impjegata ma' ARQ Resources Limited, fejn id-direttur tagħha kien David Borg, li kien direttur ukoll tal-kumpanija konvenuta.

jagħmel sens li warrbet l-*excel sheet* imsemmija mill-attur appellant u straħet fuq dokumenti oħra fl-atti.

17. Wara kollox, kif ingħad drabi oħra, fejn ikun hemm kunflitt bejn il-provi mressqa mill-partijiet, f'dan il-każ id-dokumenti esibiti fl-atti, huwa xogħol il-Qorti li tqis u tgħarbel liema provi hija tista' aktar toqgħod fuqhom (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' April, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Antoine Xerri et v. Bartolomeo sive Robbie Debono et***).

18. Illi għalkemm l-attur jippreżenta tabella tal-pagi li tħallsu lilu u ta' dak li fil-fehma tiegħu tħallas nieqes[3], il-pagi maħruġa favur l-attur jirriżultaw aħjar mill-*payslips*[4] maħruġa lill-attur esibiti mill-istess Felice. Kuntrarjament għal dak li jingħad mill-attur, il-*bonuses* tal-Gvern, skont l-istess *payslips* jirriżultaw debitament imħallsa[5]. Min-notament magħmul fuq l-aħħar tliet *payslips*[6] jirriżulta li bejn Ġunju u Awwissu tas-sena 2017, l-attur ma tħallasx il-paga ta' €3,102.37, €2,957.42 u €3,001.27. B'dan illi hemm notament fuqhom ukoll fis-sens li "*Only FS5 paid...*" L-Ewwel Qorti addottat dawn it-tliet figuri, b'dan illi peress li l-attur baqa' jaħdem fuq il-jott sad-9 ta' Awwissu, 2017, l-aħħar figura kienet aġġustata sabiex tirrifletti l-ġranet li l-attur effettivament ħadem. Din il-Qorti taqbel ma' dan l-aġġustament.

[3] Ara Dok. X1 f'paġna 392 tal-proċess.
[4] Ara Dok. MF3 minn paġna 210 'il quddiem.
[5] Ara wkoll Dok. CG 7 minn paġni 570 sa 576 tal-proċess.
[6] Ara paġni 245 sa 247 tal-proċess.

19. Gian Claudio Gregori xehed[7] li huwa kien personalment ħallas lill-attur bil-quddiem bħala paga tiegħu s-somom ta' €5,000, €5,000 u €3,000, total ta' €13,000[8]. Mill-*payslips* esibiti għas-sena 2017 u min-notamenti fuqhom[9] jirriżulta li ġej:

| **Xahar** | **Paga Grossa** | **Taxxa** | **NI** | **Paga Netta** | **Ammont Nieqes** | **Paga mhux imħallsa** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *Jannar - 17* | 3,267.67 | 590 | 219.25 | 2,458.42 | 499 | |
| *Frar - 17* | 3,267.67 | 590 | 175.40 | 2,502.27 | 499 | |
| *Marzu - 17* | 5,383.83 | 1,119 | 175.40 | 4,089.43* | | |
| *April - 17* | 3,932.67 | 756 | 175.40 | 3,001.27* | | |
| *Mejju -17* | 3,932.67 | 756 | 219.25 | 2,957.42 | | |
| *Ġunju -17* | 4,067.77 | 790 | 175.40 | | | € 3,102.37 |
| *Lulju -17* | 3,932.67 | 756 | 219.42 | | | € 2,957.42 |
| *Awwissu - 17* | 3,932.67 | 756 | 175.40 | | | €1,125.48[10] |
| | **€ 31,717.62** | **€6,113** | **€1,534.92** | **€15,008.81** | **€998** | **€ 7,185.27** |

*Ammonti mħallsa direttament minn Gregori skont il-*payslips.*

[7] Ara paġna 480 tal-proċess.
[8] Ara wkoll dokument CG1 f'paġni 485 sa 487 tal-proċess.
[9] Ara paġni 240 sa 247
[10] Ammont *pro rata* dovut lill-attur li ħadem sad-9 t'Awwissu, 2017.

20. Minn dan jinżel, illi fil-każ tal-ewwel pagament ta' €5,000, li sar minn Gregori fi Frar, għamel tajjeb għall-paga tal-attur ta' Marzu, kif ukoll għamel tajjeb għal dik il-parti tal-paga ta' Jannar u Frar 2017[11] li kienu tħallsu bin-nieqes, kif jirriżulta mill-istess *payslip*. Għalhekk, meta Gregori ħallas total ta' €13,000, u minn dan l-ammont jitnaqqsu l-ħlasijiet li saru, jiġifieri f'Marzu (€4,089.43) u April (€3,001.27), tabilħaqq l-attur kien fadallu f'idejh €5,909.30. Meta wieħed inaqqas il-pagi dovuti lill-attur li baqgħu mhux imħallsa skont l-aħħar kolonna tat-tabella (€7,185.27), minn dan l-ammont ta' €5,909.30, jirriżulta li l-attur tħallas b'€1,275.97 inqas minn dak li kien dovut lilu. Dan l-ammont (għajr għal ftit ċenteżmi) jaqbel mal-komputazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti f'dak li għandu x'jaqsam il-bilanċ dovut lill-attur bħala pagi.

21. Fir-rigward tal-argument tal-attur appellant li kien aċċettat minn Gregorio li l-kumpanija konvenuta tħallas penali għal meta huwa tħallas il-paga tard u jagħmel referenza għall-*excel sheet* f'paġna 255, jidher li dan mhuwiex kontestat u jinsab aċċettat mill-kumpanija konvenuta, tant li dan jirriżulta bħala spejjeż imniżżla fil-kontijiet tagħha. Dan kif jinsab rifless fl-aħħar paġna tal-estratt mil-*ledger* esibit bħala Dok. DB.[12] Għalhekk ġaladarba din il-kwistjoni kienet aċċettata u kienet inkluża fl-ispejjeż tal-kumpanija li għalihom kienet tagħmel tajjeb permezz ta'

[11] Ara notamenti fuq il-*payslips* f'paġni 240 u 241.
[12] Ara paġna 682.

ħlasijiet separati fil-forma ta' *petty cash* ma hemmx lok li jsiru emendi fil-komputazzjoni tal-paga li hija dovuta lill-attur.

22. Fir-rigward tal-pretensjoni tal-attur appellant għall-ħlas ta' *leave* li ma għamilx użu minnu, lil hemm mill-fatt li din il-Qorti ssibha diffiċli temmen li fi tliet snin li l-attur għamel impjegat mal-kumpanija konvenuta qatt m'għamel użu minn ġurnata *leave*, huwa minnu li fuq il-*payslips* kollha*,* fuq in-naħa t'isfel tal-lemin hemm indikat *"Leave balance – OPT – 0.00Hrs"* iżda daqstant hemm ukoll indikat li ma nġemax leave*: "Accu – 0.00Hrs".* Fin-nuqqas ta' prova ċara fir-rigward, għamlet sew l-Ewwel Qorti li warrbet ukoll din il-pretensjoni tal-attur.

23. Imiss li jiġi trattat it-tieni punt taħt l-ewwel aggravju tal-attur appellant, ċjoè dak dwar l-ammont ta' €1,059.56 li l-Ewwel Qorti ordnat li jintraddu lilu bħala rifużjoni għal ammonti ta' *petty cash.* Fil-verità ma hemmx kontestazzjoni dwar kif l-attur kien jgħaddi l-irċevuti lir-rappreżentanti tal-kumpanija konvenuta sabiex jintraddu lura lilu spejjeż magħmula minnu bħala *petty cash.*

24. Fil-każ tal-*petty cash,* l-attur appellant ippreżenta rendikont[13] dwar il-flus li ġew mgħoddija lilu bejn Ġunju 2014 u April 2017, kif ukoll l-ispejjeż li għamel fuq il-jott Giana G. bejn Ġunju 2014 u Awwissu 2017. Minn dan

[13] Ara Dokument Y1 f'paġni 403 sa 443 tal-proċess.

ir-rendikont tal-*petty cash* u kif jirriżulta min-nota tal-attur, il-bilanċ li jingħad li huwa dovut lilu huwa dak ta' €1,214.10[14]. Madankollu, peress li f'dan ir-rendikont hemm inkluż l-ammonti ta' €5,000 u €2,000 li ngħaddew lill-attur direttament minn Gregori fi Frar u April tas-sena 2017, li kif ingħad qabel dawn l-ammonti ġew meqjusa fil-kalkoli tal-pagi li kien hemm dovuti lill-attur, ma jistax jingħata qies mill-ġdid ta' dawn l-ammonti kif jirriżulta minn dan ir-rendikont. Barra minn hekk, minkejja li fir-rendikont li ressaq l-attur hemm indikat minnu bilanċ dovut lilu ta' €1,214.10, fl-appell jinsisti li għandu jieħu madwar €10,000 fi spejjeż, skont dak li xehed bil-ġurament! Din id-diskrepanza ma tantx tispira fiduċja fil-kontijiet miżmuma mill-attur.

25. Huwa minnu li l-attur appellant kien igawdi pożizzjoni ta' fiduċja mal-kumpanija konvenuta u li din l-appellata kellha problemi finanzjarji, fis-sens li rriżulta mill-provi li l-attur kien qiegħed jitħallas tard tal-paga u kien hemm numru ta' persuni li pprovdew servizzi lill-kumpanija konvenuta b'rabta ma' xogħlijiet fuq l-istess jott li baqgħu ma tħallsux. Madankollu, jibqa' l-fatt li dawn id-djun li għandha l-kumpanija konvenuta mhumiex il-mertu tal-kawża li għandha quddiemha l-Qorti. Ġaladarba l-attur appellant isostni li huwa kreditur tal-kumpanija konvenuta, peress li fi kliemu, ħareġ flejjes għall-jott li telgħu għal madwar €10,000, jibqa' applikabbli l-prinċipju li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah

[14] Ara paġna 402 tal-proċess.

(**Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Wara kollox, l-oneru tal-prova dwar l-eżistenza tal-kreditu pretiż minnu taqa' fuq l-istess attur (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Marzu, 2022, fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Stella Calleja v. Brian Degiorgio***). Il-prova li l-attur ħareġ €10,000 fi spejjeż addizzjonali għall-jott ma saritx.

26. Min-naħa l-oħra, il-kumpanija konvenuta ppreżentat dokument li kien jitratta biss il-*petty cash*, fejn hemm rendikont sħiħ sa mis-sena 2013 sa Lulju tas-sena 2017[15] li minnu rriżulta li l-attur ngħata flus żejda fl-ammont ta' €4,267.84 u saħansitra rendikont[16] ieħor li minnu jirriżulta bilanċ dovut lill-attur fl-ammont ta' €1,059.56, kif likwidat mill-Ewwel Qorti. Minkejja d-diskrepanza bejn dawn iż-żewġ dokumenti, il-Qorti ssib l-ispjegazzjoni mogħtija minn David Borg jiġifieri li dan l-aħħar dokument kien aġġornat bl-aħħar irċevuti, bħala wieħed verosimili.

27. Għalhekk, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fl-apprezzament tal-provi mwettaq mill-Ewwel Qorti meta straħet fuq ir-rendikont li ressqet il-kumpanija appellata ladarba kif ingħad qabel, il-provi mressqa mill-kumpanija konvenuta huma aktar kredibbli u xierqa sabiex ġudikant ikun jista' jasal għall-konvinċiment ħieles tiegħu. Meqjusa l-provi li ressqet il-kumpanija appellata, qajla jista' jingħad li l-kumpanija konvenuta kienet

[15] Ara Dok. CG 8 f'paġni 577 sa 582 tal-proċess.
[16] Ara Dok. DB f'paġni 676 sa 682 tal-proċess.

diżorganizzata fil-mod kif kienet iżżomm il-kontijiet tagħha jew li ma kinux jinżammu *ledgers* b'mod responsabbli, kif donnu jargumenta l-attur. Lanqas huwa mistenni li l-benefiċċjarju tal-kumpanija, Gregori jidħol fid-dettall tal-amministrazzjoni tal-kontijiet tal-kumpanija fejn tidħol diskrepanza żgħira.

28. Minn dan kollu jinżel li ma jistax jingħad li l-attur appellant għandu raġun fl-ewwel aggravju tiegħu.

29. Imiss li jiġi mistħarreġ **it-tieni aggravju** tal-attur appellant, dak fejn jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti ċaħdet it-tieni talba tiegħu għall-kumpens għax-xogħlijiet li huwa għamel fuq ordni tal-kumpanija konvenuta, meta dawn, fil-fehma tiegħu, kienu jaqgħu lil hemm mill-kuntratt tal-xogħol tiegħu. L-attur isostni li kien jaħdem sigħat twal u saħansitra jqatta' aktar minn erbgħin siegħa fil-ġimgħa kif maħsub fil-kuntratt, filwaqt li wettaq ukoll xogħlijiet ta' natura straordinarja li ma kinux parti mill-mansjonijiet tiegħu skont il-kuntratt ta' xogħol u għalhekk qiegħed jippretendi kumpens għall-istess permezz ta' din il-kawża.

30. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-inkarigu tal-attur appellant jirriżulta ċar mill-klawsola 3 tal-kuntratt kif ingħad mill-Ewwel Qorti. Huwa kollu ta' xejn li l-attur appellant jilmenta li l-benefiċċjarju Gregorio kien jitrattah bħala skjav, hekk kif kien jippretendi li dan jagħmilha ta' seftur tiegħu, jaqdilu l-

bżonnijiet tiegħu, bħal joħroġ il-kelb, imur jixtri u jsajjar. Dan meta mill-provi rriżulta li fi tliet snin Gregorio ħareġ darba biss bil-jott mal-attur. Għall-bqija, il-jott baqa' sorġut mal-moll u l-attur kien joqgħod waħdu fuqu. Barra minn hekk, jekk kemm-il darba l-attur ħass li kien qiegħed jitqabbad jagħmel xogħol li ma kienx jaqa' fil-mansjonijiet tiegħu, huwa dejjem seta' jirrifjuta li jwettaq dak ix-xogħol.

31. Fir-rigward tal-ilment tal-attur li ma kienx jingħata x'jiekol, jitqies li dan l-ilment huwa wieħed bla bażi kkunsidrat il-mertu tal-kawża taħt eżami. Fir-rigward tal-ilment tal-attur li n-nies li kienu impjegati bħala *deck hand u stewardess* ma kellhomx esperjenza u allura spiċċa jaqdi l-funzjonijiet tagħhom ukoll, kif ingħad qabel, mill-provi rriżulta li l-jott vjaġġ wieħed għamel fejn kien hemm tnejn min-nies impjegati flimkien mal-attur. Barra minn hekk, l-attur bħala l-kaptan tal-jott, kellu kull dritt jirrifjuta li jitlaq għall-vjaġġ, jekk kemm-il darba kien tal-fehma li ma kellux l-ekwipaġġ adattat.

32. Jitqies ukoll mill-aktar inkongruwu l-ilment tal-attur li f'dak l-uniku vjaġġ li għamel, qatta' xahrejn fuq il-baħar, fejn kien xogħol il-ħin kollu! Dan meta l-attur kien impjegat bħala l-kaptan tal-jott tal-kumpanija konvenuta u kif osservat mill-Ewwel Qorti, f'dan il-vjaġġ lejn Sqallija beda fit-12 ta' Lulju, 2016 u spiċċa lura Malta fit-3 ta' Settembru, 2016. Skont

il-*logbook*[17] jirriżulta l-ħin li l-attur dam fin-navigazzjoni jvarja bejn tliet kwarti u seba' sigħat u nofs. Kien hemm żewġ okkażjonijiet fejn il-vjaġġ dam għaxar jew ħdax-il siegħa. Qajla jista' jingħad li l-attur kien xogħol il-ħin kollu!

33. Hekk ukoll, fir-rigward tad-dritt tal-attur li jingħata lura l-ispejjeż skont l-istess kuntratt, dan il-punt ġie eżaminat b'mod eżawrjenti taħt l-ewwel aggravju, fejn ingħad li salv għall-ammont ta' €1,059.56 li għadu dovut lill-attur, huwa tħallas tal-ispejjeż li għamel b'rabta mal-jott.

34. Fir-rigward tal-pretensjoni tal-attur li jitħallas għal ċertu xogħlijiet li fil-fehma tiegħu kienu ta' natura straordinarja, bħalma huma pereżempju t-*teak deck recaulking,* l-ixkatlar tal-injam u li ngħatat iż-żebgħa tal-verniċ[18] u allura jaqgħu lil hemm mill-mansjonijiet tiegħu skont il-kuntratt ta' xogħol, jiġi osservat li huwa minnu li skont stima li pprovdiet Daniel Petrila Limited, dan ix-xogħol ta' *recaulking,* kellu jiswa lill-kumpanija konvenuta €24,000[19]. Madankollu, l-ewwel nett huwa aċċettat mill-attur li l-ispejjeż għall-materjal b'rabta mal-istess xogħlijiet intraddew lura lilu u fit-tieni lok, fir-rigward tax-xogħol innifsu, ladarba l-attur qies li dan kien xogħol ta' natura straordinarja li għalih kien qiegħed jippretendi ħlas separat, kien ikun xieraq li l-attur jikteb lill-kumpanija konvenuta dwar il-

[17] Ara Dok. CM2 minn paġna 39 'il quddiem.
[18] Skont elenku sħiħ f'paragrafi 4.41 u 4.42 fir-rikors tal-appell.
[19] Ara stima esibita bħala Dok. CM8 f'paġna 106 tal-proċess.

ħtieġa li jsir dak ix-xogħol straordinarju (kif wara kollox jipprovdi l-kuntratt ta' xogħol tiegħu) u li f'każ li kien ser jitwettaq minnu li huwa kien qiegħed jippretendi ħlas separat għalih.

35. Għalkemm il-prinċipju jibqa' dak ta' *omnia labor optat premium,* jiġifieri li kull xogħol għandu jiġi mħallas u li min jagħti servizz għal vantaġġ ta' ħaddieħor għandu dritt li jiġi retribwit (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Jannar, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***James L. Hawkins v. Seasus Limited***) il-kwistjoni f'dan il-każ hija jekk dak ix-xogħol imwettaq mill-attur kienx jifforma parti mill-kuntratt ta' xogħol tiegħu jew le. Għalkemm l-attur appellant isostni li kien imwiegħed minn Gregori ħlas apparti għal dan ix-xogħol, fin-nuqqas ta' prova ta' ftehim ieħor, din il-Qorti tqis li dan ix-xogħol imwettaq mill-attur faċilment jaqa' taħt id-deskrizzjoni tal-mansjoni tiegħu għal *general upkeep* maħsub fil-kuntratt ta' xogħol tiegħu.

36. Fil-fatt, kif xehed Kurt Gutteridge, *marine engineer:*

> *«...ġeneralment il-funzjoni ta' kaptan hija li jikkordina dawn l-affarijiet u li jara li d-dgħajsa tibqa' at all times konformi mal-liġijiet li japplikaw fuqha. Having said that, x'kien il-kuntratt jew l-arranġament li kellu s-Sur Mifsud mal-owners, jiena dak m'għandix kopja tiegħu. Li nista' ngħid hu li fuq numru ta' jottijiet ta' dan id-daqs, mhijiex ħaġa rari, anzi hija pjuttost komuni, li fix-xitwa, il-wintering jiġifieri, minħabba li ma ssir l-ebda navigazzjoni, ma jsir l-ebda charter, ir-rwol tal-kaptan hemmhekk he doubles up fejn jista' jagħmel ċertu manutenzjoni.»*
> (enfasi ta' din il-Qorti).

37. Hekk ukoll f'dan il-każ, ikkunsidrat iż-żmien kollu li l-jott tal-kumpanija konvenuta baqa' sorġut mal-moll, ma tarax verosimili li l-attur bħala kaptan jitħallas dik il-paga maħsuba fil-kuntratt sabiex jorganizza biss ix-xogħlijiet meħtieġa. Jekk kemm-il darba l-attur kien qiegħed jippretendi ħlas addizzjonali, kien ikun xieraq li jagħmel dan bil-miktub, sabiex ikollu ftehim ulterjuri li jipprovdi għal dak ix-xogħol li huwa seta' qies bħala ta' natura straordinarja. Fin-nuqqas ta' prova ċara ta' ftehim li ssostni l-verżjoni tal-attur, din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti.

38. Sa fejn l-attur appellant isostni li ressaq l-aħjar prova u li ma sarlux kontroeżami, kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Novembru, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Dolores Debono v. Michael Fenech et***:

> *«… huwa magħruf fil-ġurisprudenza li <u>fih innifsu, in-nuqqas ta' mistoqsijiet f'kontroeżami m'għandux awtomatikament jinftiehem daqslikieku l-kontroparti tkun qiegħda taċċetta jew taqbel ma' dak li jkun sostna x-xhud waqt l-eżami</u> (ara **F (Advertising Limited v. Joseph Borg** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2024).*
>
> *39. Tassew, għalkemm huwa miżmum li n-nuqqas ta' kontroeżami jista' jikseb ċertu rilevanza f'dawk il-każijiet li fihom ikun hemm xhieda u provi kunfliġġenti (ara **Carmelo Vella et v. Brian Degiorgio** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Lulju, 2024), dan però ma jsirx b'ħarsien tal-prinċipju ta' «chi tace, acconsente», imma bħala ħaġa waħda mill-eżerċizzju tal-għarbiel tal-provi, u b'mod partikolari sabiex il-Qorti tiżen jekk waħda mill-verżjonijiet tkunx tista' teskludi lill-oħra fuq il-miżien ta' probabbiltajiet (ara wkoll f'dan is-sens **Irene Causin v. No Deposit Cars Malta Limited** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Settembru, 2024).*
>
> *40. <u>Fl-aħħar mill-aħħar, jibqa' però dejjem fid-diskrezzjoni u l-konvinċiment morali tal-ġudikant dwar jekk għandux jemmen verżjoni ta' xhud, u dan irrispettivament minn jekk dak ix-xhud isirlux kontroeżami jew le</u> (ara **Chirstine Borda v. Joseph Borda** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April, 2024).»*

39. Minn dan jinżel li, l-attur appellant ma jistax jistrieħ fuq il-fatt li ma sarlux kontroeżami sabiex isostni l-argument li fejn kien hemm kunflitt fil-provi mressqa mill-partijiet, l-Ewwel Qorti messha qagħdet fuq dak li ngħad minnu. Wara kollox, għalkemm huwa minnu li l-attur ressaq il-provi msemmija minnu fost affarijiet oħra bħal ritratti, xhieda ta' debituri li ma tħallsux mill-kumpanija konvenuta, eċċetera, daqstant il-kumpanija konvenuta ressqet provi bħal ritratti u rapporti li bihom uriet li l-jott li l-attur kien responsabbli minnu, kellu nuqqas ta' manutenzjoni li kien imur lura fiż-żmien. Hekk pereżempju, skont ir-rapport imħejji[20] minn Andrea Pezzini li għamel numru ta' *surveys* tal-jott Giana G., li saru sa minn Settembru tas-sena 2017, jikkonkludi:

> *«The yacht shows a huge lack of maintenance works (several years)...*
>
> *During my visit in Malta, with the yacht in water, she appeared to be substantially abandoned, without the basic maintenance in order to keep her in navigation condition, but many interior areas showed clear evidences of recent and continuous use (galley, toilets, cabins, crew mess and living area). Regarding the exteriors and engine room, the lack of maintenance over the years was immediately clear. The rust corrosion on the deck, the external teak status, the rust found in the bilges and the evident overall oxidation in the engine room are all clear signal of prolonged negligence in yacht maintence.»*[21]

40. Hekk ukoll, minn *Condition Survey*[22] imħejji minn kumpanija lokali, Naval Architecture Services, li raw il-jott bejn Mejju 2017 u Lulju 2017[23],

---

[20] Ara Dok. CG5 f'paġna 548 tal-proċess.
[21] Dan ir-rapport kien ikkonfermat minn Pezzini waqt ix-xhieda tiegħu tal-10 ta' Diċembru, 2019 – paġna 615 tal-proċess.
[22] Ara Dok CG 4 minn paġna 522 'il quddiem.
[23] Ara paġna 683 tal-proċess.

meta allura l-attur kien għadu jaħdem bħala kaptan mal-kumpanija konvenuta rriżulta:

> *«...S.Y. Giana G was built to good marine standards and represented a good quality yacht at her time. The condition at time of survey was found short of that expected for a yacht in compliance with the applicable Malta Commercial Yacht Code requirements...»*

41. Fost iż-żewġ faċċati ta' xogħlijiet elenkati bħala meħtieġa fuq l-imsemmi jott, hemm:

> *«6.02 It is recommended that the teak decking be sanded, cleaned and sealed... 6.04 Sealant material fitted between teak caprail and outboard shipside noted to have disentegrated over time – to be removed and redone...6.06 White paint noted to flake towards aft end of the GRP superstructure. Effected areas to be sanded extensively and resprayed ... »*

42. F'dan il-każ, ir-rapport kien ikkonfermat bil-ġurament minn Kurt Gutteridge, *naval architect u marine engineer*, waqt ix-xhieda tiegħu tal-10 ta' Diċembru, 2019[24]. Minn dan kollu jinżel li, lil hinn mill-problemi finanzjarji[25] li seta' kellha l-kumpanija konvenuta sabiex twettaq ix-xogħlijiet meħtieġa, qajla jista' jingħad li mill-provi jirriżulta b'mod konvinċenti li l-attur għamel bosta xogħlijiet ta' natura straordinarja li għalihom qiegħed jippretendi l-ħlas.

43. Magħdud kollox, din il-Qorti ma ssibx li l-attur appellant għandu raġun f'dan it-tieni aggravju tiegħu.

---

[24] Ara paġna 622 tal-proċess.
[25] Ara paġna 684 tal-proċess.

44. Imiss li jitqies **it-tielet aggravju**, dak fejn l-attur jikkontesta l-komputazzjoni tal-likwidazzjoni dovuta lilu fir-rigward tat-tielet talba u l-kundanna fil-każ tar-raba' talba tiegħu u dan peress li jsostni li l-apprezzament tal-provi li wassal għal din il-komputazzjoni ma jirriflettix dak li huwa verament dovut lilu skont il-provi prodotti.

45. Fil-verità, f'dan l-aggravju jingħad mill-ġdid li bħala konsegwenza tal-fatt li l-ewwel talba tiegħu ġiet milqugħa f'parti minnha u t-tieni talba ġiet miċħuda fl-intier tagħha, l-attur appellant ħassu aggravat bil-likwidazzjoni tal-ammont dovut lilu, li jammetti huma ripetizzjoni ta' dak trattat taħt l-ewwel żewġ aggravji. Għalkemm l-attur irriżerva li jipprovdi aktar dettall dwar dan l-aggravju waqt it-trattazzjoni tal-kawża, waqt is-smigħ tal-appell, id-difensur tal-appellant iddikjarat li toqgħod fuq l-atti tal-kawża. Għalhekk, ladarba ma tqanqal xejn ġdid f'dan l-aggravju, sabiex tiġi evitata r-ripetizzjoni, il-Qorti tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet tagħha li saru taħt l-ewwel żewġ aggravji.

46. Jonqos li jiġi trattat l-**aħħar aggravju** tal-attur appellant, li f'dan il-każ jitratta l-kap tal-ispejjeż, fejn huwa jisħaq li l-Ewwel Qorti kellha tordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża lill-kumpanija konvenuta. Jingħad mill-attur li l-kawża kellha ssir minnu għal tliet raġunijiet, jiġifieri: (a) peress li ma tħallasx dak dovut lilu skont il-kuntratt ta' xogħol; (b) li kien intalab jagħmel

xogħlijiet lil hemm mill-kuntratt ta’ xogħol tiegħu, bil-wegħda ta’ ħlas, liema ħlas qatt ma twettaq; u (ċ) li huwa nefaq il-flejjes għall-kumpanija konvenuta, liema flejjes ma kienx rimborsat tagħhom, minkejja li għadda l-irċevuti relattivi.

47. L-**Artikolu 223(1) tal-Kodiċi ta’ Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili** jipprovdi li f’kull sentenza definittiva l-Qorti għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż. Huwa biss meta kull parti tkun meqjusa bħala telliefa, jew meta jkun hemm xi punt diffiċli biex jiġi determinat, jew għal xi raġuni tajba oħra (**Artikolu 223(3) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**), li għandu jkun hemm varjazzjoni minn dan il-prinċipju (ara f’dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fil-kawżi fl-ismijiet ***John Muscat v. Camray Limited et*** deċiża fit-13 ta’ Lulju, 2020 u ***Grace Farrugia et v. Sun Aviation Limited et*** deċiża fis-26 ta’ Jannar, 2018).

48. Għalkemm huwa minnu li f’din il-kawża ġew milqugħa f’parti minhhom it-talbiet tal-attur, irriżulta li ħafna pretensjonijiet tal-attur ma kinux ġustifikati, fis-sens li kienu bil-bosta aktar, minn dak li ġie likwidat mill-Ewwel Qorti. Min-naħa l-oħra, ladarba jitqies li l-kumpanija konvenuta messha kienet taf l-ammonti li kienu dovuti lill-attur, ikkunsidrat li l-likwidazzjoni tal-Ewwel Qorti hija bbażata unikament fuq il-ħlas ta’ paga li kien hemm pendenti għall-perjodu bejn Ġunju u Awwissu 2017 u l-ispejjeż li kellhom jintraddu lura lill-attur skont ir-rendikont imħejji mill-istess

kumpanija konvenuta, hija setgħet faċilment tħallas dak li kien dovut lill-attur u b'hekk jitqies ġustifikat li jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjeż.

**<u>Deċiżjoni:</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti **<u>tilqa'</u>** f'parti minnu l-appell tal-attur Christopher Mifsud, u għalhekk tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'kollox, ħlief għal dak li ngħad dwar l-ispejjeż. Minflok tordna li l-ispejjeż tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti, kellhom jinqasmu fis-sehem ta' terz ($^{1}/_{3}$) mill-attur u s-sehem ta' żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) mill-kumpanija konvenuta.

L-ispejjeż tal-appell jitħallsu fis-sehem ta' tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-attur u kwart ($^{1}/_{4}$) mill-kumpanija konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss